MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Numru. 1231/2012

**SPETTUR JURGEN VELLA**
**VS**
**KURT PULIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kurt Pulis ta’ 26 sena, bin Raymond u Doris nee’ Zammit, mwieled fit- 22 ta’ Gunju 1986, residenti 76, Raydor, Triq il- Liedna, Fgura u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 287786M;

Talli fis- 26 ta’ April 2012, ghall- habta tas- 17.45hrs gewwa Triq Zabbar k/m Triq San Frangisk, Fgura;
1) Saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni FBU 527 b’ manjiera traskurata;
2) Kif ukoll b’ nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti tat- traffiku, nvolontarjament

ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Joseph Pisani skont kif iccertifika Dr Maureen Bezzina MD Reg 5271 mill- MDH;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi mil-provi prodotti jidher li l-incident mertu ta' din il-kawza sehh unikament minhabba negligenza u traskuragni tal-istess vittma, Joseph Pisani. Dan kien riekeb rota 'tandem' fit-triq in kwistjoni, kontra d-direzzjoni tat-traffiku u konsegwentement kontra r-regolamenti u l-prassi. Hekk kif gie biex jaqsam minn bankina ghal ohra, intlaqat mill-vettura tal-imputat, li kien fl-impossibilita' li jara lil Pisani, ghar-raguni li, kif gia' qalet il-Qorti, Pisani kien qed isuq kontra d-direzzjoni tat-traffiku, u l-ebda sewwieq ma seta jippreveni li persuna ha tghaddi b'rota kif ghadda Pisani. Konsegwentement, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dawn l-akkuzi u ser jigi liberat minnhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 15(1)(a)(2) tal- Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 226 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------